MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 214/2002/1

**REĠISTRATUR TAL-QRATI**

**vs**

**Alfred PIROTTA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-22 ta' Frar, 2002, li bih l-attur ippremetta:

1. Illi Raymond Vella ipprezenta rikors fit-13 ta' Frar, 2001 (Dok. "A") li bih huwa rrileva li huwa kien aġixxa b'mandat ta' inibizzjoni numru 1650/89 (Dok. "B") kontra Alfred Pirotta, u milqugħ mill-Qorti fid-9 ta' Novembru, 1989, u konsegwit b'kawża fuq il-mertu;

1.1 Illi permezz ta' l-istess rikors Raymond Vella rrileva, *inter alia*, illi minkejja l-ħrug u n-notifika tal-mandat, il-konvenut baqa' għaddej bix-xogħlijiet, u dan kif jirriżulta

minn ritratt li huwa esebixxa (Dok. “C”), u b’hekk wera disprezz lampanti lejn il-Qorti;

1.2 Għaldaqstant huwa talab li din il-Qorti sabiex tieħu dawk il-passi kollha neċessarji li jidhrilha xierqa u opportuni, kontra l-konvenut għar-rigward tad-disprezz lejha, u dan ai termini ta’ l-artikolu 1003A tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Illi b’diġriet tal-15 ta’ Frar, 2001, (Dok. “D”), din il-Qorti ordnat lill-attur jieħu dawk il-passi kollha meħtieġa skond il-liġi;

3. Għalhekk qed issir din il-kawża;

Għaldaqstant l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex:

(a) Tiddikjara illi l-aġir tal-konvenut, kif fuq premess, jammonta għall-oppozizzjoni għall-esekuzzjoni tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 1650/89 skond l-artikolu 279 tal-kapitoli 12 tal-Liġijiet ta’ Matla;

(b) Issib lill-konvenut ħati ta’ disprezz lejn l-awtorita’ tagħha skond il-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u proċedura Ċivili, Tielet Ktieb, Titolu XVII; u

(c) Tikkundanna lill-konvenut għal pieni hemm indikati;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mal-erba’ (4) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fil-5 t’April, 2002, li biha l-imħarrek eċċepixxa:

Illi fl-ewwel lok it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur u konsegwentement l-

eċċipjenti jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante n-nullita' ta' l-Att ta' Ċitazzjoni fl-ismijiet premessi;

Illi fit-tieni lok u bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur u konsegwentement l-eċċipjenti jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li l-azzjoni attriċi proposta mill-attur fil-konfront ta' l-eċċipjenti permezz ta' l-Att ta' Ċitazzjoni fl-ismijiet premessi hija ġuridikament insostenibbli;

Illi fil-mertu iżda bla preġudizzju, indipendentement minn u subordinatament għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet ta' l-attur fil-konfront ta' l-eċċipjenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Mejju, 2002, li bih u fuq talba tal-avukati tal-partijiet, tat żmien lill-partijiet biex iressqu noti ta' sottomissjonijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Ġunju, 2002[1], li bih u fuq talba tal-imħarrek magħmula b'rikors imressaq minnu fis-6 ta' Ġunju, 2002, tawlet iż-żmien li fih il-partjiet setgħu jressqu n-noti tagħhom;

Rat id-Degriet tagħha tat-23 t'Awissu, 2002[2], li bih ħalliet li titressaq fl-atti tal-kawża n-Nota tal-imħarrek;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fis-26 t'Awissu, 2002[3], dwar l-ewwel eċċezzjoni tiegħu;

---

[1] Paġ. 29 tal-proċess
[2] Paġ. 31 tal-proċess
[3] Paġġ. 32-7 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Tweġiba mressqa mill-attur fit-13 ta' Settembru, 2002[4];

Rat ir-Replika għan-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur imressqa mill-imħarrek fis-26 ta' Settembru, 2002[5];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tat-2 t'Ottubru, 2002, tat-23 ta' Jannar, 2003, tas-27 ta' Frar, 2003, u tad-29 ta' Mejju, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni mqanqla mill-imħarrek dwar is-siwi tal-att taċ-Ċitazzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal disprezz. L-attur, wara ordni li ngħata mill-Qorti (diversament presjeduta) b'Degriet tat-13 ta' Frar, 2001[6], qiegħed jixli lill-imħarrek b'għamil li jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti. Dan jikkonsisti filli huwa jallega li l-imħarrek baqa' għaddej b'xogħlijiet li kien ġie miżmum milli jwettaq bis-saħħa ta' Mandat ta' Inibizzjoni maħruġ kontra tiegħu fid-9 ta' Novembru, 1989[7], fuq talba ta' Raymond Vella;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi qal li għandu jinħeles milli jibqa' fil-kawża għaliex l-att taċ-Ċitazzjoni ma jiswiex; jgħid li għandu jinħeles ukoll għaliex iċ-Ċitazzjoni hija ġuridikament insostenibbli; u, fil-mertu, jwarrab ix-xiljiet magħmulin kontrih bħala infondati fil-fatt u d-dritt;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-eċċezzjoni preliminari li l-azzjoni attriċi ma tiswiex;

[4] Paġġ. 39 sa 41 tal-proċess
[5] Paġġ. 43-5 tal-proċess
[6] Dok "A", f'paġ.5 tal-proċess
[7] Inib. Nru. 1650/89, Dok "B", f'paġġ. 7 sa 15 tal-proċess

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża s'issa u li jixħtu dawl fuq l-eċċezzjoni taħt eżami, jirriżulta li Ray Vella kien talab il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-imħarrek dwar xogħlijiet (tħaffir ta' bir) li kien qiegħed jagħmel fil-ġid tiegħu bla ma żamm id-distanzi legali. It-talba ta' Vella ntlaqgħet b'mod definittiv fid-9 ta' Novembru, 1989. Wara l-ħruġ tal-Mandat, Vella fetaħ kawża kontra l-imħarrek f'Jannar tal-1990[8], wara li l-intimat Pirotta kien tawwallu ż-żmien biex iressaqha. Fit-13 ta' Frar, 2001, Vella ressaq ir-rikors fejn talab li jittieħdu proċeduri għal disprezz tal-Qorti min-naħa tal-imħarrek billi dan baqa' għaddej bix-xogħlijiet li kien twaqqaf milli jissokta ut bi ksur tal-ordni mogħti fil-Mandat. Fil-15 ta' Frar, 2001, ingħata d-Degriet li bih l-attur tal-lum ġie ordnat jibda proċeduri kontra l-imħarrek għad-disprezz. Il-kawża nfetħet fit-22 ta' Frar, 2002;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti legali tal-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' siwi tal-att taċ-Ċitazzjoni. L-imħarrek ifisser l-eċċezzjoni tiegħu fin-Nota studjata tiegħu billi jgħid li ċ-ċitazzjoni "hija redatta b'mod konfuż stante li m'hemmx konnessjoni bejn il-kawża tat-talba u t-talba stess u għalhekk ma għandhiex kawżali suffiċjentement ċara ai termini tal-liġi". L-eċċezzjoni qegħda tissejjes fuq dak li jipprovdi l-artikolu 789(1) tal-Kap 12, kif marbut mal-artikolu 156(1)(a) tal-istess;

Illi l-imħarrek jgħid li filwaqt li l-premessi kollha jirreferu għall-allegata sfida li huwa wettaq billi ssokta bix-xogħlijiet kontra l-ordni mogħti fil-mandat ta' inibizzjoni, l-ewwel talba hija mibnija fuq artikolu tal-liġi għal kollox differenti dwar l-oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni tal-mandat innifsu meta dan ikun mandat eżekuttiv. Minħabba f'hekk, jgħid l-imħarrek, jonqos l-element tal-kjarezza meħtieġ għas-siwi tal-Att taċ-Ċitazzjoni b'mod li qiegħed iċaħħdu milli jħejji kif imiss id-difiża tiegħu għall-azzjoni li tressqet kontrih;

Illi għal dawn l-argumenti, l-attur iwieġeb li l-azzjoni mibdija minnu tiswa u hija istitwita sewwa, u li din tressqet minnu (kif marbut li jagħmel ladarba tingħatalu ordni

[8] Ċitazz. Nru. 12/90GC li hija mħollija għat-trattazzjoni tal-aħħar għat-13.10.2003

għaldaqshekk mill-Qorti) skond id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-liġi fid-dawl tal-ordni li kienet ingħatat kontra l-imħarrek bil-mandat ta' inibizzjoni. Huwa jżid jgħid ukoll li l-eċċezzjoni taħt eżami ma tmissx il-mertu tal-azzjoni, li huwa n-nuqqas ta' rispett lejn ordni ta' Qorti, imma biss il-forma tal-att. Minbarra dan, itenni li għar-rigward ta' proċedura dwar allegat disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti, il-liġi ma tagħmilx distinzjoni bejn jekk il-ksur ta' ordni tal-Qorti sarx dwar mandat eżekuttiv jew inkella wieħed kawtelatorju. Itemm jgħid li, ukoll kieku kellu jingħad li l-att fih xi nuqqas, dan ma jistax ma jiġix imsewwi kif trid il-liġi u m'huwa bl-ebda mod ixekkel lill-imħarrek milli jiddefendi l-każ tiegħu kif imiss, kieku jrid;

Illi l-Qorti tħoss li trid tiċċara minnufih l-argument tal-imħarrek (li huwa jsejjaħlu bħala wieħed "sussidjarju"[9]) dwar l-artikolu tal-liġi msemmi fl-ewwel talba attriċi u l-mandat kawtelatorju li għalih jirreferi[10]. L-espożizzjoni studjata magħmula fin-Nota tiegħu dwar in-natura prettament kawtelatorja tal-mandat ta' inibizzjoni u li l-artikolu 279 tal-Kap 12 jinsab fid-dispożizzjonijiet relattivi għall-mandati eżekuttivi tinjora għal kollox dak li jipprovdi l-artikolu 875 tal-istess Kap 12, li jirrendi sewwasew applikabbli għall-mandati ta' inibizzjoni, fost oħrajn, l-imsemmi artikolu 279. Minn dan l-aspett, għalhekk, l-imħarrek ma għandu l-ebda kenn legali għas-sottomissjoni tiegħu, u ssib li l-attur għandu raġun jargumenta b'dan il-mod, u li l-liġi ma tagħrafx bejn ksur ta' ordni dwar mandat kawtelatorju u ksur ta' ordni dwar mandat eżekuttiv fejn tidħol il-proċedura tad-disprezz;

Illi l-qofol tal-kwestjoni li jrid jitqies huwa dak tar-rabta bejn il-premessi u t-talbiet. L-imħarrek jgħid li fl-att imressaq kontrih m'hemmx din id-damma u għalhekk l-att huwa mfassal b'mod konfuż. Miġbura fi ftit kliem, it-teżi tal-imħarrek hija li l-premessi jitkellmu dwar allegat ksur b'imġiba tal-imħarrek **wara** li l-mandat ta' inibizzjoni kien inħareġ, filwaqt li l-ewwel talba titkellem dwar ksur allegat

[9] Par. 1 tar-Replika tiegħu, paġ. 43 tal-proċess
[10] Par 5 tan-Nota tiegħu, f'paġ. 33 tal-proċess

**hu u jiġi eżegwit** il-mandat. Minħabba f'hekk tonqos ir-rabta loġika li l-premessi jrid ikollhom mat-talbiet[11];

Illi l-perm tal-kwestjoni li għandha quddiemha llum toħroġ mit-tifsira li jmissha tingħata lill-kliem "eżekuzzjoni tal-mandat". Għall-imħarrek, dan huwa l-istadju meta l-uffiċjal tal-Qorti jesegwixxi fiżikament l-ordni magħmula mill-ġudikant u tieqaf hemm. Għall-attur, mid-dehra (għalkemm ma jgħidx daqstant espressament), b'eżekuzzjoni jifhem kull waqt minn dak il-ħin li l-uffiċjal tal-Qorti jagħti kopja tal-Mandat lill-parti intimata 'l quddiem sakemm il-mandat jibqa' fis-seħħ. M'hemmx dubju li t-tifsira xierqa li jmissha tingħata f'dan ir-rigward hija dik li jagħti l-imħarrek. Dan joħroġ sew mill-kliem użat mil-liġi, u kif ukoll minn kif il-kelma "eżegwit" ġiet imfissra u mħaddma mill-Qrati tagħna dwar mandati[12]. Li kieku ma kienx hekk, bl-artikolu 279 ħadd qatt ma jista' jagħmel oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' mandat kieku b'eżekuzzjoni jitfisser ukoll iż-żmien sakemm il-mandat idum fis-seħħ;

Illi dwar x'jikkostitwixxi "tifsir ċar u sewwa" fil-każ ta' att taċ-Ċitazzjoni, il-Qorti ssib li l-espożizzjoni magħmula mill-imħarrek fin-Nota tiegħu hija ineċċepibbli u tolqot kull aspett rilevanti tad-dottrina applikabbli f'dan il-qasam. Biex ma toqgħodx tirrepeti ruħha, il-Qorti sejra tadotta dak kollu sottomess mill-imħarrek fin-Nota tiegħu għar-rigward. Iżżid tgħid biss li marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha[13];

Illi huwa sewwasew dwar din id-dispożizzjoni li wieħed isib għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jfissru l-limiti tagħha fid-dawl tal-eċċezzjoni tan-nullita' tal-Att taċ-Ċitazzjoni minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-liġi. Ħafna minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw minħabba li jkun ġie allegat li t-talba kienet inċerta, x'aktarx sintesi ta' jeddijiet li

[11] Ara Par. 3 tar-Replika tiegħu, f'paġ. 45 tal-proċess

[12] Ara, per eżempju, App. Inf. **29.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Mamo noe et*** (Kollez.Vol: **LXXX.ii.1167**)

[13] Ara, per eżempju, P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748)**

kull wieħed minnhom jagħti lok għal azzjoni distinta u separata. Għal xi zmien, il-forma tal-att ġudizzjarju kienet issaltan, imma, biż-żmien u b'interventi tal-leġislatur, issawret it-tejorija magħrufa bħala tal-ekwipollenti li nisslet il-prinċipju li m'hijiex meħtieġa ebda għamla espressa għall-proposizzjoni tal-azzjoni[14];

Illi, għalhekk, ċitazzjoni m'għandhiex tiġi mwaqqgħa għajr għal raġunijiet gravi[15]. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' għamla u kwalita' tali li jċaħħad b'mod serju lill-imħarrek mid-difiża tiegħu, iċ-ċitazzjoni għandha tiġi mwaqqgħa[16];

Illi dwar l-element ta' kjarezza fl-Att taċ-Ċitazzjoni, l-liġi ma tinsistix fuq formola preċiża jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawżali tkunx imfissra b'mod xott jew saħansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha[17];

Illi, meħud f'dan id-dawl, il-proċediment tad-disprezz m'huwiex rimedju għall-persuna li tkun talbet it-teħid tiegħu, imma sanzjoni kontra min ikun ġab b'idejh u b'għemilu (jew bl-omissjoni tiegħu, skond il-każ) ksur ta' ordni mogħtija lilu. L-attur f'din il-kawża (u bil-proċedura illi tfasslet għal dan il-għan fl-1995) qiegħed huwa nnifsu jesegwixxi ordni mogħtija lilu minn Qorti kompetenti biex jibda dawn il-proċeduri. L-attur m'għandu x'jirbaħ xejn b'tali proċeduri għajr li jiżgura li tiġi mħarsa l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja[18];

Illi wara li fliet sewwa l-atti promoturi tal-kawża u ħasbet sewwa fuq l-argumenti mressqin mill-partijiet sa issa, il-Qorti hija tal-fehma li ma kien ikun hemm l-ebda dubju li l-imħarrek wera biċ-ċar li hemm strapp sħiħ bejn il-fatti allegati fil-premessi u dak mitlub fl-ewwel talba. Hemm tassew dik il-kontradizzjoni li ma tħallix il-premessi (jew,

---

[14] P.A.: **9.3.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe.*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.809**) u s-sentenzi hemm imsemmija;
[15] App. Ċiv.: **20.2.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***R. Merola pro et vvs S. Caruso*** (Kollez. Vol: **XXIX..i.106**);
[16] App. Ċiv.: **22.5.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***E. Scicluna vs M. Xuereb et*** (Kollez. Vol: **LI.i.299**); u Kumm. **19.6.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo noe vs Attard noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.971**) u s-sentenzi hemm imsemmija
[17] P.A. **15.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Moore noe vs Falzon et.*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.807**)
[18] P.A. **9.11.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Qorti vs Camilleri*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.546**)

kif isejħilhom l-imħarrek, "il-kawża tat-talba") u dik it-talba joqogħdu flimkien. L-għażla tal-attur li jsemmi l-artikolu 279 (ukoll jekk applikabbli għall-mandati kawtelatorji bis-saħħa tal-artikolu 875) tal-Kap 12 kienet waħda sfortunata u skonsiljata li tassew qatgħet ir-rabta bejn dak mitlub **f'dik** it-talba u dak premess qabilha;

Illi, madankollu, il-Qorti tqis li l-imħarrek rabat l-eċċezzjoni tiegħu tan-nullita' biss mal-ewwel talba attriċi, daqslikieku ma kienx hemm talbiet oħrajn. Ħadd mill-partijiet ma ressaq sottomissjonijiet dwar dan il-fatt li jidher mal-ewwel daqqa t'għajn mill-atti. It-tieni talba, li bl-ebda mod ma hija (la fit-tfassila u lanqas fl-effett tagħha) konsegwenzjali għall-ewwel waħda, hija minsuġa sewwa mal-premessi taċ-Ċitazzjoni. Magħhom hemm rabta loġika sfiqa b'mod li, jekk dak li hu premess sejjer jiġi ippruvat kif imiss, it-talba tista' tintlaqa' u b'mod li l-ewwel talba setgħet ma saret xejn;

Illi, f'każijiet ta' nullita' ta' atti ġudizzjarji, din il-Qorti tqis li huwa l-att ġudizzjarju kollu li jrid jiġi mistħarreġ u mhux biċċa waħda minnu. F'dan il-każ, il-Qorti ssib li filwaqt li l-ewwel talba hija miftuma mill-premessi li suppost iwasslu għaliha, ma jistax jingħad l-istess dwar it-tieni talba. Mela, għall-Qorti, l-att m'huwiex milqut minn nuqqas li jagħmlu ma jiswiex;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrek bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, u tiddikjara li l-azzjoni attriċi kif imfassla tiswa u tressqet sewwa; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi fil-mertu.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------